KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 19 TAL-10 LEĠISLATURA TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 28 ta' Awissu 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

## AĠENDA 19

19.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;
19.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqġħa numru 18;
19.3 Punti mill-minuti;
19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
19.5 Proposta ta' kuntratt ġdid tal-kera tal-uffiċċju;
19.6 Lista ta' RfQs relatati ma tisbiħ u tiżjin tal-Milied;
19.7 Talba għall-għajnuna mill-FSWS;
19.8 Aġġornament sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Fra Ben)
19.9 Serviżżi Mużikali - Milied 2025
19.10 Mozzjoni dwar it-Turiżmu (kontinwazzjoni);
19.11 Proposta ta' Bye-Law dwar Posta mhux Mitluba
19.12 Proġett ta' Mistra Village — Involviment tal-Kunsill/Laqgħa mal-kuntrattur;
19.13 Proposta għat-tneħħija tal-bankijiet fil-pjazza ta' Triq il-Gandoffli;
19.14 Proposta għall-laqgħat ma l-operaturi tal-fish farms
19.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
19.16 Rapport Finanzjarju: Jan–Ġun 2025, (Q2 - It-Tieni Kwart)
19.17 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;
19.18 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;
19.19 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Daryl Connor | *Kunsillier* |
| Rachel Williams | *Kunsilliera* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Clevion Micallef | *Kunsillier* | Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* |
| Joseph Matthew Attard | *Kunsillier* | Raymond Tabone | *Kunsillier* |
| Alan Bugeja | *Kunsillier* | | |

Sindku/Mayor: Ċensu Galea; Viċi Sindku/Deputy Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera/Councillors: Alexander Agius; Anne Marie Fenech; Sandra Gauci; Daryl Connor; Rachel Antoinette Williams; Alan Bugeja; Clevion Micallef; Joseph Matthew Attard; Alexandra Smart Costantino; Mary Borg; Raymond Tabone.
Aġent Segretarju Eżekuttiv/Acting Executive Secretary: Bjorn Bonello

**19.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku, is-Sur Censu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30. Ma kienx hemm ittri t'apoloġija u il-membri kollha kienu preżenti.

**19.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 18**

Il-Kunsillier Daryl Connor irrimarka li kien hemm xi żbalji minuri fuq xi kunjomijiet ta' xi membri li saret referenza għalijhom, u dan ġie korrett.

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Il-Kunsilliera Rachel Williams ipproponiet, u il-Kunsilliera Sandra Gauci issekonda. Il-muniti gew għalhekk approvati *nem. con.*

**19.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku spjega li l-kuntratt ta' kera tal-uffiċċju jinkludi żieda konsiderevoli mill-ammont attwali (il-kera rdoppjat) u s-Segretarju Eżekuttiv qassam kopja tal-kuntratt (email) li kienet waslet ftit qabel, dak in-nhar istess li kienet tinkludi paġna li fl-ewwel verżjoni kienet nieqsa. Il-konsulent legali tal-Kunsill Lokali ta parir sabiex jiddaħħlu numru ta' klawsoli fil-kuntratt. Il-Kunsill Lokali qabel li, sakemm jinbena il-bini l-ġdid, ma hemmx għażla oħra jew alternattiva biex wieħed jitlaq mill-bini attwali.

Is-Sindku spjega li wara l-aħħar laqgħa, ġie kkuntattjat il-Kumitat Ornis fir-rigward tal-problema tal-ħamiem u t-tiġieġ li jiġru barra fil-lokalità. Il-Kumitat Ornis wieġeb li filwaqt li ma għandux kompetenza fuq it-tiġieġ, peress li dawn ma jitqisux bħala għasafar selvaġġi. Madankollu, fir-rigward tal-ħamiem, intqal li l-qtil għandu jsir skont il-linji gwida tagħhom u biss minn individwi li huma liċenzjati u awtorizzati, u li dawn jisparaw lit-tjur biex jinqatlu.

Segwiet diskussjoni, u ġie konkluż li din il-metodoloġija ma tqisitx adegwata, fid-dawl ta' diversi fatturi.

**19.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

*Xogħolijiet fis-sit li jinsab bejn Triq Raddet ir-Roti u Triq is-Simar, Xemxija.*

Is-Sindku spjega li matul il-ġimgħa ta' qabel, wara li beda isir xi xogħol fuq dan is-sit (Triq Raddet ir-Roti), il-Kunsill irċieva numru kbir ta' mistoqsijiet, telefonati, ilmenti u talbiet għal aktar informazzjoni mir-residenti.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali kkuntattja lir-rappreżentanti tal-iżviluppatur, inkluż l-perit responsabbli, sabiex jinkisbu iktar dettalji. Barra minn hekk, fid-dawl ta' tħassib dwar it-telf ta' numru ta' siġar tal-ħarrub, il-Kunsill talab ukoll risposti mingħand l-ERA.

Segwiet diskussjoni u, billi sal-ħin tal-laqgħa l-informazzjoni mitluba ma kinitx għadha waslet, is-Sindku spjega li se jkun qed jinforma lill-Kunsill dwar kull żvilupp fil-laqgħa li jmiss.

*Żjara fil-belt ta' Oroslavje fil-Kroazja*

Id-delegazzjoni ta' San Pawl il-Baħar mmexxija mis-Sindku Ċensu Galea, flimkien mal-Kunsilliera Raymond Tabone u Sandra Gauci u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv, żaret il-belt ta' Oroslavje fil-Kroazja bejn it-12 u l-14 ta' Awwissu 2024 bħala parti mis-sħubija ta' twinning formalizzata fl-2022. Iż-żjara, li koinċidiet mal-festi ta' Jum il-Belt f'Oroslavje, inkludiet parteċipazzjoni f'ċerimonja uffiċjali, laqgħat mas-Sindku u l-Kunsill tal-Belt, u diskussjonijiet dwar kollaborazzjoni f'oqsma bħall-ambjent, l-iskambji kulturali, il-programmi għaż-

żgħażagħ u l-anzjani, kif ukoll il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. L-eżiti prinċipali kienu pjanijiet għal skambji komunitarji, esplorazzjoni ta' fondi Ewropej għal proġetti konġunti, qsim ta' prattiċi tajbin fil-governanza u stedina biex Oroslavje jżuru lil San Pawl il-Baħar.

*Konservazzjoni tal-pitturi fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu "Tal-Ħġejjeġ".*

Il-Kunsill Lokali ġie avviċinat mill-Kurja tad-Djoċesi ta' Malta sabiex jipprovdi assistenza għall-konservazzjoni tal-pitturi fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu "Tal-Ħġejjeġ". Sar rapport ta' konservazzjoni dwar il-pitturi ta' Cassarino fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu "Tal-Ħġejjeġ" juri li dawn jinsabu f'qagħda serja ta' deterjorazzjoni minħabba ħsarat matul il-gwerra u restawr mhux xieraq. Il-pitturi San Pawl iħabbat il-lifgħa, Il-fejqan ta' missier Publiju u San Pawl jilqa' lill-Maltin għandhom importanza artistika u storika kbira. Il-proposta ta' PrevArti Co. Ltd tinkludi tindif professjonali, tneħħija ta' verniċ u repinti, trattament kontra l-insetti u restawr reversibbli, bil-għan li jinżamm il-valur oriġinali u tiġi assigurata l-preservazzjoni tagħhom għall-ġenerazzjonijiet futuri.  Il-Kunsill Lokali se jara jekk hemmx entitajiet governattivi oħra, skemi jew opportunitajiet ta' finanzjament li jistgħu jappoġġaw tali piż, peress li bħalissa l-Kunsill Lokali mhux f'pożizzjoni li jassisti waħdu.

*Talba ta' għajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni JP2*

Is-Sindku informa li rċieva talba ta' għajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni JP2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li se jkun qed jitlob aktar informazzjoni.

*Tberik tal-annimali*

Il-Kunsill ġie notifikat li fil-5 ta' Ottubru ser issir il-barka tal-annimali, fiz-zona tat-Torri ta'Wignacourt.

Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa dwar korrispondenza relatata ma' konferenza stampa fuq l-immaniġġjar tal-iskart. Is-Sindku kkonferma li ma waslet l-ebda korrispondenza, filwaqt li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill Reġjonali, fid-dawl tan-nuqqas ta' rispons mill-awtoritajiet kompetenti wara rapport estensiv, iddeċieda unanimament li jagħmel dikjarazzjoni pubblika fil-30 ta' Awwissu. Segwiet diskussjoni dwar l-isfidi differenti fl-immaniġġjar tal-iskart u l-ħtieġa ta' aktar miżuri ta' deterrent u sensibilizzazzjoni.

**19.5 Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-kera tal-uffiċċju**

Is-Sindku spjega li s-sid il-kera tal-uffiċċju talab li l-kera tiżdied (irdoppjat). Il-kuntratt il-ġdid jinsab fi stadju ta' tħejjija u ser jitressaq għall-approvazzjoni. Saret diskussjoni qasira u l-Kunsill Lokali qabel li jipproċedi kif indikat, wara li jkun hemm il-kummenti tal-kunsilliera.

**19.6 Lista ta' RFQs tiżjin tal-Milied:**

Is-Sindku spjega li ġiet maħruġa serje ta' sejħiet għal kwotazzjonijiet (RFQs) sabiex jiġi assigurat li diversi toroq fil-lokalità jiġu mżejna b'mod adegwat għall-festi tal-Milied. Id-dekorazzjonijiet tal-Milied mhux biss joħolqu atmosfera pożittiva u ferriħija fost ir-residenti u l-viżitaturi, iżda jservu wkoll biex isaħħu s-sens ta' komunità u identità lokali, kif ukoll biex jattiraw iktar viżitaturi u attività kummerċjali fil-lokalità. Barra minn hekk, dekorazzjonijiet ta' kwalità jgħinu biex jinħolqu spazji pubbliċi aktar sbieħ u ta' merħba. Il-membri tal-Kunsill Lokali issuġġerew fejn u kif għandhom jitpoġġew id-dekorazzjonijiet, u qabel li jistennew l-offerti qabel jieħdu deċiżjoni finali. Is-Sindku spjega li hemm kundizzjonijiet speċifiċi fis-sejħa li huma responsabbiltà esklużiva tal-entità li tkun qed tippreżenta l-offerta.

**19.7** **Talba għall-għajnuna mill FSWS**

Il-FSWS bagħatu talba għall-għajnuna għal attività ta' BBQ, fiz-zona tat-Torri ta'Wignacourt. Il-Kunsill Lokali qabel li jassisti (massimu ta'€500, logistika, jipprodu il-post, ecc.) u jiffaċilita l-attività, bil-kundizzjoni li l-post jittieħed lura f'kundizzjoni tajba u nadifa wara l-użu.

**19.8** **Aġġornament sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Fra Ben):**

Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali mhux se jkun f'pożizzjoni li jaċċetta aktar minn 1/5 tar-responsabbiltà, skont is-sentenza tal-Qorti. Ġie nnotat ukoll li waħda mit-tielet partijiet diġà depożitat ammont ta' fondi li għandhom jiġu rkuprati.

Is-Sindku żied jispjega li l-avukat tal-Kunsill għadu qed jistenna tweġibiet pożittivi mingħand l-avukati tal- partijiet l-oħra. Minkejja xi progress żgħir fin-negozjati, ma ntlaħaqx ftehim unanimu. F'każ li dan ma jseħħx, il-kwistjoni jkollha tiġi segwita permezz ta' proċeduri legali.

**19.9** **Servizzi Mużikali – Milied 2025:**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li waslet talba ta' għajnuna ta' €2000 għal kunċerti u lista ta' servizzi relatati mal-perjodu tal-Milied. Wara diskussjoni, fejn il-Kunsilliera esprimew l-opinjonijiet tagħhom, ġie deċiż li għalkemm hemm ftehim fil-prinċipju, fl-interess ta' trasparenza u kontabbiltà hemm bżonn ta' aktar dettalji. Is-Sindku indika lill-Kunsillier Joseph Matthew Attard biex jippreżenta kopja tal-ftehim li semma' li jeżisti bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-każini tal-banda rispettivi, sabiex jista' jintuża bħala mudell. Dawn id-dettalji se jiġu komunikati lill-każin tal-banda rispettiv. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsillier Clevion Micallef jiltaqa' mal-kumitat tal-banda sabiex jiddiskuti oqsma ta' kollaborazzjoni u inizjattivi.

Il-kunsillier Dr. Joseph Matthew Attard ġie skużat u ħalla il-lagħqa fis- 19:00.

**19.10** **Mozzjoni dwar it-Turiżmu (kontinwazzjoni):**

Is-Sindku ppreżenta l-mozzjoni li l-Kunsilliera Sandra Gauci kienet ressqet fil-laqgħa ta' qabel, l'hiema mozzjoni ġiet is-sekondata mis-Sindku, dwar il-kontribuzzjoni tal-"Eco Tax" miġbura minn żviluppi ta' akkomodazzjoni turistika. Segwiet diskussjoni fuq l-aspetti ewlenin tas-suġġett.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li, wara diskussjoni fost il-kunsilliera, il-Kunsill ikkuntattja lill-Ministeru biex jinkisbu l-informazzjoni mitluba. Għalkemm is-Segretarju Permanenti ikkonferma mall-ewwel li ser ikun ser jibgħat tali data mitluba, din sa meta saret il-lagħqa ma kinitx għada waslet

Is-Segretarju rrefera għal numru ta' Mistoqsijiet Parlamentari (PQ) u ċita l-proġetti indikati fl-aktar waħda reċenti fuq is-suġġett (sena 2023), filwaqt li spjega kif il-fondi qed jiġu ġestiti.

Segwiet diskussjoni, iżda ma ntlaħaqx qbil billi xi membri ma qablux mal-mod kif kienet imfassla l-mozzjoni. Għaldaqstant, il-mozzjoni tpoġġiet għall-votazzjoni u għaddiet bi 8 favur u 4 kontra.

**19.11** **Proposta ta' Bye – Law dwar Posta mhux Mitluba:**

Is-Sindku ppreżenta wkoll mozzjoni dwar abbozz ta' Bye-Law fuq "posta mhux mitluba" (unsolicited mail), fuq il-mudell ta' dik li diġà tinsab fis-seħħ f'Sliema. Segwiet diskussjoni u l-Kunsill qabel unanimement li l-abbozz tal-Bye Law għal San Pawl il-Baħar jintbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-ipproċessar skond il-liġi. Il-mozzjoni ġiet proposta mill-Kunsilliera Sandra Smart Constantino u sekondata mill-Kunsilliera Rachel Williams.

**19.12 Proġett ta' Mistra Village – Involviment tal-Kunsill/Laqgħa mal-kuntrattur:**

Il-Kunsilliera Rachel Williams spjegat li ppruvat tikkuntattja l-maniġer tas-sit biex tispjega l-impatti li r-residenti tax-Xemxija esperjenzaw fl-aħħar snin minħabba x-xogħlijiet fis-sit li qabel kien okkupat minn Mistra Village. Hija qalet li tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar il-proġett u tfittex miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqsu l-impatti negattivi marbuta mal-kostruzzjoni. Il-Kunsill kollu qabel li jiġi kkuntattjat il-kuntratur.

**19.13 Proposta għat-tneħħija tal-bankijiet fil pjazza ta Triq il-Gandoffli:**

Il-Kunsilliera Rachel Williams ressqet proposta biex jitneħħew il-bankijiet fi spazju miftuħ f'Triq il-Gandoffli, bil-għan li jitnaqqsu imġiba antisoċjali u impatti assoċjati ma' sitwazzjonijiet ta' persuni bla dar. Il-mozzjoni ġiet spjegata u diskussa. Il-mozzjoni tpoġġiet għall-votazzjoni u ġiet miċħuda, bi 11-il vot kontra 1 (Kunsilliera Rachel Williams proponent), billi dan il-pass kien jitqies li jmur kontra l-prinċipju li l-ispazji miftuħa għandhom jibqgħu aċċessibbli għal kulħadd u jservu għal- serħan u l-ġid komunitarju. Minkejja dan, il-Kunsill kollu qabel, li l-Pulizija għandha żżid il-preżenza tagħha u twettaq infurzar aktar strett kontra l-imġibiet imsemmija.

**19.14 Proposta għall- laqgħat ma l-operaturi tal-fish farms:**

Il-Kunsilliera Rachel Williams spjegat li tixtieq komunikazzjoni proattiva mal-operaturi tal-akkwakoltura. Hija ssuggeriet li tinħatar delegazzjoni ta' kunsilliera li tiltaqa' b'mod regolari mal-operaturi biex:
(i) tifhem aħjar il-proċessi u l-isfidi tal-industrija;
(ii) tiddiskuti l-impatti fuq negozji oħra u r-residenti; u
(iii) tistabbilixxi modi ta' kommunikazzjoni, u rappurtar ta' inċidenti sabiex jitnaqqsu l-effetti negattivi tal-industrija.

Is-Sindku indika li, s'issa, il-Federazzjoni li tirrappreżenta lill-operaturi tal-akkwakoltura wriet xewqa tiltaqa' mal-Kunsill biex tispjega l-iżviluppi riċenti u t-triq 'il quddiem. Il-Kunsill kollu qabel li jitwaqqaf laqgħa ma' din il-Federazzjoni u, fejn xieraq, jiġu kkunsidrati laqgħat ta' segwitu regolari.

**19.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm

**19.16 Rapport Finanzjarju: Jan-Ġun 2025 (Q2 – It-Tieni Kwart):**

Il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament u l-accountant tal-Kunsill Lokali ppreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja għat-Tieni Kwart tas-sena. Segwiet diskussjoni fejn il-membri eletti indirizzaw xi mistoqsijiet u talbu ċerti verifiki lill-accountant. L-rapporti finanzjarji ġew approvati.

**19.17 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**19.18 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsillier Raymond Tabone u ssekondata Kunsilliera Rachel Williams.

**19.19 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.35 u aġġornat għal nhar Ħamis 25 ta' Settembru 2025.

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Bonello**

**Sindku**
**Ċensu Galea**